# Dmugħ il-Kwiekeb

Rajthom dal-lejl il-kwiekeb
Jixirfu fis-smewwiet
Jittawlu fuq did-dinja,
Sewda bid-dlamijiet.

Kien hemm f'ħarsithom siekta
Bħal dell ta' niket kbir,
Għalhekk kien jidher fuqhom
Bħal raxx ta' fidda jtir.

U mal-fewġiet li jrewħu,
Fil-wisa' hemm fuq miftuħ,
Smajtu t-tnehid ta' qalbhom,
Bħal nifs għajjien ta' ruħ,

Iħaxwex qalb il-weraq
Tal-ġonna f'ġenb l-għoljiet,
Jew mal-mewġiet li rieqda
Jitbewsu mal-plajjiet.

Kien hemm f'leħenhom kiebi,
Fid-dlam tal-lejl mistur,
Bħal swied ta' qalb u dwejjaq,
W ilfiq... ħiemed... miksur....

Il-kwiekeb huma mnikkta
Bil-ġlieda tal-bnedmin,
Li għax għemithom l-għira
Boloh ! tqabdu f'xulxin.

W insew ħilewwiet l-imħabba,
Li taf tal-maħfra l-kliem,
U xegħlu bil-mibegħda
U tilfu t-trieq tas-sliem.

Qed jibku mnikkta l-kwiekeb
Mifruxa mas-smewwiet....
Fid-dlamijiet lejlija
Qalbhom tolfoq fis-skiet.

Jibku... w id-dmugħ li jxerrdu
Jinżel bħal xita fl-art,
U fi qtajriet jinġabar
Fix-xfar ta' fomm il-ward.

Għalhekk kif jibda jżernaq
Fil-għodu mat-tbexbix,
Hemm frak ta' ġawhar jilma
Qalb l-aħdar tal-ħaxix.

In-nida, dmugħ in-niket
Tal-kwiekeb imdejqin,
Li jxerrdu tul il-ljieli
F'ħasrithom għall-bnedmin.

Rev. Ġ. Delia s.j.

15/xii/41